

Brussell, 6 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

12940/22

LIMITE

ENER 469

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	L-intenzjoni tal-Kummissjoni li tidħol fi Djalogu dwar l-Enerġija f'isem l-UE dwar kwistjonijiet tal-enerġija mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) u l-Istati Membri tagħha - Awtorizzazzjoni għal negozjati dwar strument mhux vinkolanti

1. Fit-3 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija bl-intenzjoni tagħha li tinnegozja Djalogu dwar l-Enerġija f'isem l-UE dwar kwistjonijiet tal-enerġija mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) u l-Istati Membri tagħha, bil-ħsieb tal-iffirmar tiegħu, f'isem l-UE, matul is-Summit UE-ASEAN f'Diċembru 2022¹.
2. Is-sena 2022 timmarka 45 sena ta' sħubija bejn l-UE u l-ASEAN. Għalhekk, sabiex tiġi formalizzata l-ħidma dwar l-enerġija fil-qafas ta' din il-kooperazzjoni, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi stabbilit Djalogu li jkun jippermetti skambju strutturat dwar diversi oqsma ta' politika inkluża t-tranżizzjoni tal-enerġija.

¹ 12938/22.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija ddiskuta l-approċċ propost mill-Kummissjoni, bil-fehim li l-Kummissjoni ser tgħarraf lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-progress fin-negozjati mal-ASEAN, u ser terġa' lura għand il-Kunsill fi tmiem il-proċess tan-negozjati biex titlob l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għall-iffirmar tad-Djalogu f'isem l-UE.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill sabiex japprova d-dħul f'negozjati mill-Kummissjoni ta' Djalogu dwar l-Enerġija f'isem l-UE dwar kwistjonijiet ta' enerġija mal-ASEAN u l-Istati Membri tagħha.
